**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 580/2023 MS*

**Anthony Debono u Shantys Construction Company Limited**

**Vs.**

**Christian Callus**

Illum, 1 ta' Novembru, 2024

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-8 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu, wara li huma ppremettew hekk:

> Illi r-rikorrenti Shantys Construction Limited C 15754 permezz ta' Anthony Debono (K.I. Nru: 556960M) issullokat lill-intimat Christian Callus (K.I. Nru 499784M) il-fond ossia Garage numru 2, drive-in 20, Triq il-Brunzar, Santa Venera, pjanta tas-sit hawn anness u mmarkat bhala

Dok A, liema garage huwa propjeta tas-socjeta' Shantys Construction Company Limited C 15754, hekk kif ppruvat mid-document hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

Illi r-rikorrenti u l-intimat fthemu fuq is-sullokazzjoni f' Jannar 2019.

Illi r-rikorrenti jikri lill-intimat il-garaxx imsemmi versu l-kera ta' Euro 1200 fis-sena li jithallsu f'zewg pagamenti bil-quddiem ta' Euro 600 kull darba f' Jannar u f' Gunju.

Illi sa mil-bidu nett, l-intimat dejjem kien tardiv fil-hlas tal-kera, u r-rikorrenti kellu dejjem jinterpellah personalment sabiex huwa ihallas kif ghamel ukoll permezz tal-ittra ufficjali numru 540/2021, pero l-intimat dejjem baqa' inadempjenti.

Illi l-intimat ripetutament wieghed li se jhallas u dejjem gab xi skuza jew ohra u l-intimat qatt ma ghamel hlas fil-hin kif pattwit.

Illi ghalekk l-intimat kiser il-kondizzjonijiet lokatizzji billi baqa' moruz fil-hlas tal-kera min Jannar 2021 sal-prezent jigifieri sal-prezentata ta' dan ir-rikors l-intimat ghadhu fil-pussess tal-imsemmi garage u naqas milli jhallas Euro 3,000.

għaddew biex jitolbu lill-Qorti jogħġobha:

1. Tittermina l-kirja ta' l-intimat;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond Garage numru 2, drive-in 20, Triq il-Brunzar, Santa Venera billi jigi zgumbrat l-intimat mill-istess fond f' terminu qasir iffissat min-din l-Onorabbli Qorti;

3. Jikkundanna lill intimat sabiex jhallas dawk l-flejjes kollha pendent mill-intimat raprezentanti tal-kirja tal-uzu tal-istess fond bl-interessi skond l-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghax, li hu min issa ingunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut fil-21 ta' Mejju 2024;

3. Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2024, ġie verbalizzat dan li ġej:

> Id-difensuri tal-partijiet qed jinfurmaw lill-Qorti li wasslu fi ftehim li permezz tiegħu il-konvenut jiżgombra mill-fond mertu tal-kawża fi żmien xahar, filwaqt li l-atturi jirrinunzjaw għal kull ħlas pretiż minnhom fil-konfront tal-konvenut. Huma ftehmu wkoll li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa.
>
> Id-difensuri tal-partijiet talbu lill-Qorti tagħti sentenza abbażi ta' dan il-ftehim.

4. Rat illi l-kawża ġiet posposta għal aktar tard illum stess sabiex tingħata s-sentenza kif mitlub mill-kontendenti.

5. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi a tenur tal-ftehim verbalizzat fl-atti ta' din il-kawża llum stess mid-difensuri tal-partijiet:

(i) tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi u għal finijiet tal-ewwel talba tipprefiġġi terminu ta' xahar mil-lum sabiex il-konvenut jiżgombra mill-garaxx numru 2, drive-in 20, Triq il-Brunzar, Santa Venera;

(ii) tiċħad it-tielet talba billi l-atturi rrinunzjaw għall-kreditu li jista' jkun talvolta dovut lilhom mill-konvenut;

(iii) tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur